Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ġunju 2021

**Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu għaż-żgħażagħ li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ bl-għajnuna tal-komunità Nisranija: jalla jikbru fl-imħabba bil-ġenerożità, il-fedeltà u s-sabar.**

**Ninġabar:**

Inpoġġi bilqiegħda f'post komdu u nipprova nwarrab l-inkwiet u l-preokkupazzjonijiet tiegħi tal-ġurnata biex inkun nista' niffoka fuq il-preżenza t'Alla.

**Fatt ċkejken:**



Għal dawn l-aħħar għaxar snin, Tony u Louise ilhom membri volontarji, attivi fil-Moviment ta' Kana, organizzazzjoni Kattolika Maltija. Il-missjoni tal-moviment ta' Kana hija li tippromovi l-benessri tal-familji. Il-ministeru ta' Tony u Louise fi ħdan il-Moviment hu li jgħinu koppji żgħażagħ fil-preparazzjoni għaż-żwieġ. Wara erbgħin sena żwieġ, huma konxji tas-sabiħ u l-ikrah tal-ħajja f'relazzjoni twila. Huma għandhom ħafna x'joffru lill-koppji żgħażagħ li għadhom fil-bidu nett ta' vjaġġ twil.

Waqt li kienu fi programm tar-radju, lil Tony u lil Louise staqsewhom biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom fil-moviment ta' Kana. "Il-preparazzjoni għaż-żwieġ iġġib magħha aspirazzjonijiet kbar għall-futur. Il-jum tat-tieġ, il-*honeymoon,* id-dar, il-karriera u t-tfal" irrifletta Tony. "Iżda dan hu wkoll żmien ta' inċertezza, meta l-koppji jħossuhom qishom qegħdin bilqiegħda f'tarf ta' rdum, iħarsu 'l barra lejn wesgħa kbira... lejn futur li hu misteru". Louise żiedet tgħid li ż-żwieġ hu missjoni. "Ir-rwol tagħna bħala mexxejja tal-grupp hu li ngħinu lill-koppji jirrealiżżaw li ż-żwieġ mhux xi ħrafa tal-*fairies* jew xi rumanz ġo film fejn kulħadd jgħix kuntent għal dejjem. Fiż-żwieġ trid ixxammar il-kmiem u twarrab l-interessi tiegħek biex taħdem kemm tiflaħ għall-familja."

Tony u Louise ikkonkludew bill qalu li ż-żwieġ Nisrani hu sagrament li jmur lil hinn minn kuntratt. "Aħna nfakkru lill-koppji żgħażagħ li fis-sagrament taż-żwieġ, Ġesù jagħtihom is-saħħa u l-grazzja biex jikkommettu ruħhom għal tul ta' żmien".

**Naħseb ftit:**

Li tkun membru ta' familja hu wieħed mill-iktar rigal prezzjużi li aħna l-bnedmin għandna. Aħna nieħdu ħsieb dan it-teżor bħala rigal jew noħduh *for granted?* Nindunaw li għandna bżonn ninvestu l-ħin u l-isforzi kollha tagħna biex ir-relazzjoni tagħna fiż-żwieġ taħdem sewwa?

**Nitlob:**

Mulej, għin lill-familji tagħna biex jiżviluppaw għaqal kbir u biex ifittxu l-għerf. Mexxina ħalli ngħixu magħqudin flimkien bħala familja. Għallimna nieħdu ħsieb il-membri tal-familja tagħna u għinna biex naħfru lil xulxin.

**Kliem ta' dawl:**

X'tista tagħmel biex tippromovi l-paċi fid-dinja? Mur id-dar u ħobb lill-familja tiegħek.

*Madre Tereża ta' Kalkutta*

**X'nista' nagħmel:**

F'din il-ħajja mgħaġġla, ħafna nies isibuha diffiċli biex isibu ħin għall-familja. Nipprova niddedika spazju u ħin mall-membri tal-familja. Nisma' b'attenzjoni dak li jkunu qegħdin jgħiduli u nkellimhom b'mod impenjattiv.